# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 22 t'Ottubru, 2001**

**Appell Nru. 164/2001 VDG**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Gaetano Portelli,**
**Frans Saliba u**
**George Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Gaetano Portelli, Frans Saliba u George Azzopardi talli, fid-19 ta' Awissu, 1999 bejn id-9.30 a.m. u l-10.00 a.m., gewwa l-Freeport Terminal (Port Hieles), B'Bugia (**1**) hebbew ghall-persuna ta' Ernest Tonna, Manager "Security and Safety" u kkagunawlu griehi ta' natura hafifa skond certifikat ta' Dott. Pierre Chircop M.D. ta' B'Bugia; barra minn dan, fl-istess data, lok u hin (**2**) Frans Saliba hebb ghall-persuna ta' John Portelli, Assistent Personali tal-Freeport Chairman, u kkagunalu griehi ta' natura hafifa skond certifikat ta' Dott. Pierre Chircop M.D. ta' B'Bugia; (**3**) l-imsemmija Gaetano Portelli, Frans Saliba u George Azzopardi kienu akkuzati wkoll talli fixklu lill-istess persuni fil-qadi ta' dmirijiethom, (**4**) li nsulentaw u heddew lill-istess persuni, kif ukoll (**5**) li dahlu gewwa l-Freeport wara li heddew lis-Security Controllers ta' l-istess Freeport billi qalu li "jghaddu minn fuq kulhadd";

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Settembru, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmija Gaetano Portelli, Frans Saliba u George Azzopardi hatja skond l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom, u kkundannat lil kull wiehed minnhom ghall-piena ta' tlett xhur prigunerija sospiza ghal-periodu ta' sena skond l-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-istess Gaetano Portelli, Frans Saliba u George Azzopardi, minnhom presentat fit-12 ta' Settembru, 2001, li permezz tieghu talbu r-revoka ta' l-imsemmija sentenza jew, subordinatament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet, fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 2001, lill-Avukat Dott. George Abela ghat-tlett appellanti kif ukoll lill-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dott. Mark Said ghall-prosekuzzjoni; ikkunsidrat:

L-appellanti ghandhom, bazikament, tlett aggravji. L-ewwel aggravju, mifrux fuq diversi paragrafi, hu fis-sens li l-ewwel qorti ma ghamlitx apprezzament korrett tal-provi b'mod li waslet ghal konkluzzjonijiet zbaljati dwar il-htija taghhom. Huma jikkontendu wkoll li ma giex sodisfacentement pruvat li Ernest Tonna u John Portelli sofrew xi griehi, ossia offizi fuq il-persuna taghhom, u dan peress (dejjem skond l-appellanti) li dawn "kienu griehi ta' natura tali li ma hallew ebda sinjali fizici u kien biss fuq l-ilment tal-kwerelenti li kienu qed isofru minn ugieh li t-tabib hareg ic-certifikat". It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena, fis-sens li l-apellanti jikkontendu li din kienet eccessiva tenut kont tal-fatt li l-piena ta' tlett xhur prigunerija hija l-piena <u>massima</u> li l-ligi tipprovdi ghar-reat ta' offiza hafifa volontarja fuq il-persuna skond l-Artikolu 221(1) tal-Kodici Kriminali. Skond l-appellanti, inoltre, huma kellhom jinghataw pieni differenti wiehed mill-iehor. It-tielet u l-ahhar aggravju hu fis-sens li s-sentenza hija nulla peress li fuq il-komparixxi hemm indkati biss l-Artikoli 339(d) u 339(e) tal-Kodici Kriminali, mentri l-ewwel qorti, fis-sentenza taghha, iccitat ukoll l-Artikoli 338(ee), 221(1) u 7(2)(a) tal-Kodici Krminali.

Dwar dana l-ahhar aggravju, din il-Qorti tosserva li dana huwa aggravju fieragh. L-indikazzjoni, da parti tal-Pulizija Ezekuttiva, fuq il-komparixxi ta' xi disposizzjonijiet tal-ligi ma hix parti mill-imputazzjoni jew imputazzjonijiet. Imputazzjoni tigi formulata billi jissemmew "il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw" – ara l-Artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll l-Artikolu 374(*i*)(i) tal-istess Kodici. Spetta ghall-qorti, u mhux ghall-Pulizija Ezekuttiva, li tiddetermina ghal liema reat jew reati jammontaw dawk il-fatti imputati. Ghalhekk, il-fatt li l-Pulizija, fuq il-komparixxi, tindika artikolu wiehed jew aktar tal-Kodici Kriminali b'ebda mod ma jfisser li l-qorti tkun marbuta li tara biss dawk l-artikoli hekk indikati. Anqas ma hi nulla s-sentenza ta' l-ewwel qorti ghax fil-parti dispozittiva taghha hemm citat l-Artikolu 7(2)(a) tal-Kodici Kriminali – li jirreferi ghall-piena tad-detenzjoni – mentri l-piena inflitta hi wahda ta' prigunerija. Skond l-Artikolu 382 tal-Kodci Kriminali, sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghandu jkun fiha, *inter alia*, "…l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat". Fi kliem iehor, dak li hu necessarju li jissemma' hu l-artikolu li jikkontempla "ir-reat" ("…the section…creating <u>the offence</u>", fit-test Ingliz), u mhux ukoll l-artikolu li jikkontempla l-piena jew pieni. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, l-appellanti ghandhom ragun in parti biss. Din il-Qorti tosserva, qabel xejn, li s-sentenza appellata hija wahda dettaljatissima, fejn l-ewwel qorti, b'abbilta` kbira, ezaminat bir-reqqa id-

deposizzjonijiet tax-xhieda kollha prodotti quddiema, u ghamlet diversi riflessjonijiet u osservazzonijiet dwar l-istess deposizzjonijiet. Kif inhu risaput, din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti jekk tkun tal-fehma li dik il-qorti, a bazi tal-provi li kellha quddiemha, setghet legalment u ragonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha. Wara li din il-Qorti regghet ezaminat il-provi kollha, tara li ma hemm ebda raguni ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni milhuqa mill-ewwel qorti ghal dak li jirrigwarda l-htija fir-rigward ta’ l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni. Ernest Tonna u John Portelli gew aggrediti u mwegga’ mill-appellanti kif indkat f’dawk iz-zewt imputazzjonijiet; anqas ma hemm dubbju li l-imsemmija Tonna u Portelli sofrew offizi ta’ natura hafifa fis-sens tal-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9. Fl-kors tat-trattazzjoni tieghu, l-abbili difensur ta’ l-appellanti sostna li l-appellanti kienu gew “provokati” minn decizzjoni tal-*management* – rappresentata mill-imsemmi Ernest Tonna – li l-pulizija ma kellhomx jidhlu fil-konfini tal-Port Hieles sabiex jinvestigaw incident ta’ fuq ix-xoghol li fih wegga’ kollega taghhom. Din il-Qorti, pero`, taghmilha cara li kienet x’kienet id-decizzjoni tal-*management* f’dan ir-rigward, tali decizzjoni ma tista’ qatt tinkwadra bhala provokazzjoni fis-sens tal-paragrafi (a) jew (c) tal-Artikolu 227 tal-Kodici Kriminali, jew fis-sens tal-paragrafu (c) tal-Artikolu 230 ta’ l-imsemmi Kodici. Biex wiehed jipprotesta kontra decizzjoni tal-principal jew tal-*management* hemm mezzi legali; wiehed ma jistax juza mezzi illegali, wisq anqas juza vjolenza, fizika jew morali, semplicement ghax ma jaqbilx ma’ decizzjoni li tkun ittiehdet. Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti fis-sentenza taghha, min jipprotesta u jiggieled ghad-drittijiet tieghu ghandu jaghmel dan fl-ambitu tal-ligi; u minn jipprotesta ghad-drittijiet tieghu ma jistax jikser id-drittijiet ta’ haddiehor jew il-ligi tal-pajjiz.

Mill-banda l-ohra, ghandu jinghad li l-appellanti ma gewx akkuzati b’xi wiehed mir-reati kontemplati fl-Artikolu 68 tal-Kodici Kriminali, cioe` reati konnessi ma’ gemgha ta’ nies kontra l-ligi (“unlawful assembly”), u in partikolari ma gewx akkuzati bir-reat li hadu parti attiva f’tali gemgha kontra l-ligi. Issa, ma hemmx dubbju li kemm Ernest Tonna kif ukoll John Portelli u s-Security Controllers tal-Freeport gew insultati u mhedda mill-gemgha, li bhala numru kienet certament ta’ aktar min ghaxra, u li taghha kienu jiffurmaw parti l-appellanti; pero` mill-kumpless tal-provi ma jistax jinghad li gie sodisfacentement pruvat li kienu l-appellanti, jew xi wiehed minnhom, li specifikatament insulenta jew hedded bi kliem lil xi hadd. Ghalhekk din il-Qorti ser tillibera lill-appellanti kemm mir-raba’ imputazzjoni kif ukoll mill-hames imputazzjoni. Kwantu ghat-tielet imputazzjoni – imputazzjoni li tipotizza r-reat kontemplat fl-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 – din hi fis-sens mhux li l-appellanti fixklu lill-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijiethom, izda li fixklu lil Ernest Tonna u lil John Portelli fil-qadi ta’ dmirijiethom. Pero` l-imsemmija Tonna u Portelli ma jikkwalifkawx bhala awtorita` pubblika jew bhala persuni inkarigati minn servizz pubbliku; u ghalhekk ma jistax jikkonfigura r-reat kontemplat fl-imsemmi Artikolu 338(ee). Konsegwentement din il-Qorti ser tillibera lill-appellanti anke mit-tielet imputazzjoni.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti hi tal-fehma li dak li ghamlu l-appellanti ma jista' jigi b'ebda mod tollerat f'socjeta` civili. Huma kienu min ta' quddiem f'gemgha ta' nies li kienu qed jipprotestaw bi ksur tal-ligi u b'mod vjolenti; l-appellanti in partikolari aggredew u wegghu tnejn minn nies (Ernest Tonna u John Portelli) li kienu fuq xogholhom bhala parti mill-*management* tal-Port Hieles. Ghal dak li ghamlu l-appellanti ghandu jkun hemm, bhala regola, piena karcerarja b'effett immedjat. Kieku ma kienx ghall-fatt li din il-Qorti sejra tillibera lill-appellanti mill-imputazzjonijiet sekondarji – it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni – kieku ma kienet tbiddel xejn mill-piena moghtija mill-ewwel qorti. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, din il-Qorti ser tinfliggi piena pekunjarja minflok dik karcerarja, b'mod, pero`, li tali piena tkun tirrifletti l-gravita` tar-reati minnhom kommessi u c-cirkostanzi li fihom gew kommessi, u b'mod ukoll li l-piena sservi ta' deterrent kemm individwali kif ukoll generali.

Ghall-motivi premessi, tiddisponi mill-appell interpost billi tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti: (a) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hatja skond it-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjoni, u ghalhekk tilliberahom minn dawn l-imputazzjonijiet; (b) thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannat lil kull wiehed mill-appellanti tlett xhur prigunerija sospizi ghall-periodu ta' sena, u minflok dik il-piena, wara li rat l-Artikoli 7(1), 11(1) u 221(1) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil kull wiehed minnhom multa ta' tlett mija w hamsin lira lira (Lm350), pagabbli minnufih jew altrimenti konvertibbli f'sebghin (70) gurnata prigunerija; u (c) tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija, u cioe` fejn sabet htija skond l-ewwel u skond it-tieni imputazzjoni.

Paul Miruzzi
Deputat Registratur